A.L. 33 ta' l-1980

ATT TA' L-1970 DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (ATT NRU. XXVII TA' L-1970)

Ordni ta' l-1980 li jemenda l-Ordni dwar l-Isem, il-Kmand u l-Istabbiliment tal-Forzi Armati ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta, u tas-setgħat l-oħra kollha li huwa għandu, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 90 ta' l-1970

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 li jemenda l-Ordni dwar l-Isem, il-Kmand u l-Istabbiliment tal-Forzi Armati ta' Malta u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1970 dwar l-Isem, il-Kmand u l-Istabbiliment tal-Forzi Armati ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-ordni għandu jkollu effett fil-31 ta' Marzu, 1980.

Jemenda l-artikolu 3 ta' l-ordni prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-ordni prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"(4) Minkejja d-disposizzonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-Ministru responsabbli għad-difiża jista' iqiegħed kull parti mill-Forzi Armati ta' Malta taħt kmand separat u f'kull każ bħal dan jista' jaħtar kmandant separat u dwar dik il-parti tal-Forzi Armati ta' Malta, id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 4 ta' dan l-ordni għandhom japplikaw bħallikieku r-riferenzi għall-Kmandant, tal-Forzi Armati ta' Malta, kienu riferenzi għall-kmandant tal-parti ta' l-imsemmija forzi imqiegħda taħt kmand separat.".